Dok 51

## Il-Mudell Nordiku dwar il-Prostituzzjoni

Il-prostituti m'humiex kriminali.
Il-prostituti huma vittmi taċ-ċirkustanzi ta ħajjithom, għalhekk Il-mudell magħruf bħala Nordiku jesiġi li:

Jitneħħa r-rekord kriminali tal-prostituti sabiex ikunu jistgħu joħorġu miċ-ċirku tal-prostituzzjoni u jkunu jistgħu jagħmlu xogħol ieħor

Inneħħu l-istigma billi nedukaw ruħna fuq ir-rejalta' tal-ħajja ta' dawn il-vittmi li ħafna minnhom huma taħt l-eta, sfruttati u traffikati

Tingħata saħħa lill-pulizija sabiex isiru spezzjonijiet bla avviż fuq burdelli biex jiġu protetti dawn il-vittmi mill-vjolenza u l-isfruttar

Jinħolqu servizzi ta' għajnuna sabiex ikunu jistgħu joħorġu mill-prostituzzjoni bħal;

Għajnuna għall-housing
Għajnuna legali
Għajnuna sabiex joħorġu mill-vizzju tad-droga
Sapport psikoloġiku u emozzjonali
Jingħataw edukazzjoni u training
Jingħataw kura u għajnuna għat-tfal
Isibu xogħol alternattiv u jiġu rijintegrati fil-komunita'
Jingħataw protezzjoni

Il **Mudell Nordiku** jsostni li;

Min **jixtri hu kriminal**
Min ***imexxi hu kriminal***
Min **jinnegozja bil-ħajja** ta dawn il persuni **hu kriminal**
Min **japprofitta** minn dawn il-persuni **hu kriminal**
Min hu **vjolenti** ma dawn il-persuni **hu kriminal**

Dan il-Mudell jahdem billi jissaħħu l-liġijiet dwar it-traffikar u jittieħdu miżuri kontra t-turiżmu relatat mas-sess.

Jitnaqqsu dawk il-fatturi li jġiegħlu jew ipoġġu lin-nies vulnerabbli f'riskju li jiġu traffikati għal skop ta' prostituzzjoni bħall-

- faqar u l-esklużjoni
- abbuż sesswali.

Importanti li naħdmu għal soċjeta ta' ugwaljanza

Importanti fuq kollox li tingħata

- informazzjoni pubblika
- edukazzjoni pubblika
- edukazzjoni lit-tfal
- jingħata training lill-Pulizija
  - -Aġenziji
  - -Servizzi Soċjali
  - -Ħaddiema fid-dipartiment tas-Saħħa

**Ma naċċettaw qatt li nisa, tfal u nies oħra vulnerabbli jinbiegħu bħala biċċa laħam.**